Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2002

Numru 495/2002

**Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**Vs**

**Ronald Mifsud.**

**Illum 6 ta' Novembru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Mifsud ta’ 35 sena, bin Joseph u Maria Violetta nee’ Cordina imwieled Hamrun fit-8 ta’ Ottubru 1966, u li joqghod f’Suriet il-Bniedem, No. 114, St. Albert Street, Gzira jew f’No. 54, Triq Guze’ Pace, Hamrun, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru 435666M;

Talli f’Dicembru 2001, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu, tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ Guido Vella u persuni ohra.

Wara illi rat l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat;

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib l-imsemmi imputat hati ta’ kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H, tikkundannah ghal sena prigunerija, liema perjodu ma’ ghandux jibda jsehh, hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, u qeghda tobbliga lill-imputat ihallas l-ammont ta' LM 1134.20c fiz-zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------